# Strengthening involvement of representatives of employees in consultation and information

# VS-2018-0043

# Case Studies

# OBES, Greece


OBES

Kaniggos 31, Athens

Greece


Athens, October 2018


***STRENGTHENING INVOLVEMENT project (DG Employment-VS/2018/0043). This project has been funded with support from the European Commission. This publication [communication] reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.***

## Studju tal-każ Heineken. Għeluq ta' impjant

Heinken World Group, għandu negozji fl-Ewropa u f'kontinenti oħra. Fil-Greċja, kumpanija sussidjarja ta' Heineken hi l-Athenian Brewery, li hi attiva fl-industrija tal-produzzjoni tal-birra. Il-kumpanija hi involuta biss fil-produzzjoni tal-birra u mhux ta' bibiti oħrajn, billi għandha pożizzjoni dominanti fil-produzzjoni tal-birra. Fil-Greċja kien hemm tliet birreriji (f'Ateni, f'Tessaloniki, f'Patras) u fabbrika tal-ilma f'Lamia.

Fl-2012, il-kumpanija kienet tħaddem 1,500 ħaddiem, li fil-fatt, minħabba l-kriżi, niżlu għal madwar 700-720 ħaddiem permanenti. Fil-Greċja hemm l-ispeċifiċità tal-istaġjonalità, minħabba li jkun hemm ħafna turisti fis-sajf. Matul is-sajf, in-numru ta' ħaddiema staġjonali jista' jitla sa 200-300 ħaddiema b'kuntratti ta' erba' xhur, ta' ħames xhur u ta' sitt xhur. Il-qagħda finanzjarja tal-kumpanija hi partikolarment pożittiva, bi profitti netti ta' madwar € 1,800,000,000. Fil-Greċja, il-qagħda finanzjarja bbażata fuq il-karta tal-bilanċi tal-2017, turi fatturat ta' € 200,000,000 u profitti netti ta' € 10-15,000,000.

Il-kumpanija qed tilmenta b'mod kostanti dwar ir-rati għolja tat-taxxi fil-Greċja, li qed itellfu l-operat tagħha. Tliet snin ilu, il-kumpanija ssospendiet l-operat tal-impjant ta' Ateni. Dan ġara għaliex, minħabba l-kriżi ekonomika, kien hemm waqgħa vertikali fil-konsum tal-birra fuq livell nazzjonali, bi kważi n-nofs imqabbel mal-passat. Fl-2017, il-konsum kien ta' madwar 2,000,000 ettolitri ta' birra, li l-kumpanija biegħet mal-pajjiż kollu.

Hemm tliet trejdjunjins fil-kumpanija Athenian Brewery, waħda f'kull wieħed mit-tliet impjanti msemmija hawn fuq (it-Trejdjunjin ta' Ateni, it-Trejdjunjin ta' Tessaloniki u t-Trejdjunjin ta' Patras). Huma jaġixxu bħala tliet unjins awtonomi u jwettqu r-rwol istituzzjonali tagħhom billi jiffirmaw ftehimiet kollettivi bbażati fuq il-kumpanija. Fi ħdan il-kumpanija, il-loġika ta' negozjati li jwasslu għall-iffirmar ta' ftehimiet kollettivi bbażati fuq il-kumpanija kienet prevalenti tul dawn l-aħħar 35 sena. It-trejdjunjins dejjem ibbilanċjaw ir-relazzjonijiet mal-maniġment tal-kumpanija. Fl-aħħar 7 snin tal-kriżi, it-trejdjunjins immaniġġjaw permezz ta' negozjati biex jipprevjenu lill-ħaddiema milli jitilfu d-dħul tagħhom. Dawn irnexxielhom ukoll li ma jkollhomx l-ebda żvantaġġ fil-kisbiet istituzzjonali ta' ftehimiet kollettivi tul dawn l-aħħar 35 sena. L-unika kwistjoni li qed tiġi diskussa mal-kumpanija hi l-kwistjoni tal-ħlas għal xogħol ta' sahra, li bdiet minn qabża eċċessiva minn dak li hu previst bil-liġi, bit-trejdjunjins jikkonċedu li tiġi biss rispettata l-liġi. Madankollu, s-sahra hi mnaqqsa sew, biex il-kumpanija tiftaħ għal aktar impjiegi. L-iffirmar ta' ftehim kollettiv għal sentejn bejn il-maniġment u t-trejdjunjins fl-2016-17, jipprevedi żieda ta' 2.6% fid-dħul, li fi żminijiet ta' kriżi, hu meqjus bħala ftehim tajjeb ħafna

F'Heineken Europe, kif titlob il-liġi Ewropea, hemm Kunsill Ewropew tax-Xogħolijiet b'membri minn 38 pajjiż, wieħed minnhom mill-Greċja. Ir-rappreżentanza tal-forza tax-xogħol Griega ma waqgħetx issa li l-kumpanija timpjega madwar 700 ħaddiem, meta mqabbel mal-1,800 impjegat ta' qabel (il-kejl tar-rappreżentanza jkun ta' rappreżentant għal kull 1,500 impjegat jew anqas).

Billi hemm 3 trejdjunjins li jaħdmu fil-Greċja, hemm ftehim bejniethom li kulħadd ikollu r-rappreżentanza darba kull 3 snin. B'dan il-mod, kulħadd jikseb l-esperjenza u jkunu involuti t-tliet trejdjunjins. Ir-rappreżentant Grieg fl-EWC, jirrappreżenta lill-impjegati kollha tal-kumpanija Griega fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsutazzjoni.

Hemm kuntatt ta' spiss bejn it-trejdjunjins permezz ta' sessjonijiet konġunti, fejn jiddiskutu kwistjonijiet komuni ta' interess għat-tliet trejdjunjins. Fl-istess waqt, ir-rappreżentant fl-EWC jieħu din l-opportunità

biex jinforma lill-bordijiet tat-tliet trejdjunjins. Imbagħad it-tliet bordijiet jieħdu deċiżjonijiet, skont informazzjoni li tkun ingħatat mir-rappreżentanti tagħhom waqt is-sessjonijiet konġunti. Dan il-mudell hu eżempju tajjeb ta' rappreżentanza. Heineken stess iddikjarat li f'pajjiżi b'ħafna trejdjunjins indipendenti, tali mod ta' rappreżentanza hi effettiva.

Eżempju ta' sitwazzjoni li kienet teħtieġ informazzjoni u konsultazzjoni li ltqajna magħha fil-passat kien is-sospensjoni tal-produzzjoni fl-impjant ta' Ateni. Is-sospensjoni saret 3 snin ilu. Il-Kap Eżekuttiv, f'konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, sejjaħ lit-tliet trejdjunjins u lill-Kunsill tal-Ħaddiema għal informazzjoni. Hu qal li l-kumpanija se tissospendi l-impjant fis-sens li jekk is-sitwazzjoni ekonomika tinbidel, l-impjant jerġa' jibda. Ir-raġunijiet imsemmija mill-Kap Eżekuttiv kienu t-tnaqqis vertikali tal-ekolitri, jiġifieri id-domanda għall-birra fis-suq, u li, fi żminijiet ta' kriżi, l-operazzjoni ta' impjant u nofs hi biżżejjed biex tkopri d-domanda tas-suq domestiku.

It-trejdjunjins talbu lill-kumpanija biex tirrispetta l-obbligu tagħha li tinforma. Dawn talbu li jirċievu informazzjoni analitika bil-miktub dwar is-sitwazzjoni, li l-kumpanija kienet obbligata li tipprovdi bil-liġi, biex ikunu jistgħu jagħmlu l-konklużjonijiet tagħhom. Għall-ewwel, il-maniġment tal-kumpanija naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni iżda mbagħad dan pprovdieha. B'dan il-mod, it-tliet trejdjunjins rebħu l-ħin u eżawrew il-modi kollha biex iżommu l-impjant miftuħ. Il-kumpanija riedet li tħaffef il-proċess biex dan ikun konkluż f'ġimgħa. It-trejdjunjins talbu għal aktar żmien. L-impjant għalaq fi żmien xahar sa xahar u nofs. Li l-impjant jinżamm miftuħ kien kruċjali, minħabba li fi żminijiet ta' kriżi kbira, impjieg mitluf għal ħaddiem hu diffiċli ħafna biex jiġi sostitiwit.

Iż-żewġ imsieħba soċjali fil-kumpanija (il-maniġment fuq naħa u t-trejdjunjins fuq in-naħa l-oħra) ikkonkludew li jistgħu jaslu għal Ftehim permezz tad-djalogu. Għal dan il-għan, kull naħa ppreżentat l-argumenti tagħha. Matul il-proċess, iż-żewġ naħat żammew minuti separati bil-miktub.

It-tliet trejdjunjins, minħabba r-responsabbiltà istituzzjonali tagħhom, iltaqgħu ripetutament biex ifasslu pjan tan-negozju tal-kumpanija biex jieħdu deċiżjonijiet kważi aċċettati b'mod universali. Fil-parti ewlenija tal-konsultazzjoni, ma pparteċipax biss ir-rappreżentant fl-EWC iżda wkoll it-tliet bordijiet ta' ġestjoni tat-trejdjunjins, li kellhom ir-rwol istituzzjonali li jinnegozjaw. Finalment, it-tliet trejdjunjins ikkonkludew ftehim bil-miktub, iffirmat mill-Kap Eżekuttiv u mit-tliet trejdjunjins. Dan inkluda t-termini segwenti:

• Il-fabbrika li tieqaf topera tibqa' intatta, ma tinbiegħx u ma tkunx likwidata, bil-ħsieb li terġa' tinbeda l-operazzjoni jekk jieqfu l-problemi finanzjarji li qed tiffaċċja l-kumpanija.

• Jingħata xogħol lill-ħaddiema kollha impjegati mal-impjant, jiġifieri ma jitkeċċa ħadd.

Rigward it-tieni kundizzjoni, il-kumpanija tat żieda fl-inċentivi tal-irtirar lill-impjegati li kellhom bżonn ta' sena sa sentejn biex jirtiraw u li għażlu li jtilqu. Barra minn hekk, xi ħaddiema ġew assorbiti f'dipartimenti li m'għalqux, pereżempju fit-twassil, f'kompiti ġenerali u fil-bejgħ. Oħrajn, li kellhom ħiliet tekniċi kellhom imorru fiż-żewġ impjanti li kien għad baqala l-kumpanija f'Tessaloniku u f'Patras.

Il-mod kif ir-rappreżentanti ttrattaw il-kwistjoni kollha kienet:

• Wara diskussjonijiet ma' ħaddiema f'kumpaniji multinazzjonali oħrajn, dwar liema tekniki ġew segwiti minnhom fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni f'sitwazzjonijiet simili, ġie deċiż li setgħu jiksbu l-aqwa riżultati permezz ta' konsultazzjoni

• Il-kumpanija kienet konvinta li l-impjegati kienu lesti jieħdu kull forma ta' azzjoni industrijali meħtieġa, f'każ ta' eżitu mhux pożittiv. Ir-rappreżentanti taw linji ħomor ċari lill-Kap Eżekuttiv, jiġifieri: l-ebda sensja, l-ebda tnaqqis ekonomiku fil-pagi bħala kontrobilanċ għall-forza tax-xogħol li baqa'.

Il-laqgħat tal-imsieħba soċjali kellhom interruzzjonijiet frekwenti kkawżati jew mill-kumpanija biex tiddeċiedi jew mit-trejdjunjins biex jikkonsultaw mal-kollegi tagħhom fit-3 impjanti biex isibu soluzzjonijiet għall-aqwa eżitu għall-każ.

It-trejdunjonisti talbu għal konsultazzjoni mal-ogħla rappreżentanza tal-kumpanija, jiġifieri mal-Kap Eżekuttiv fil-preżenta tal-maniġers tal-HR.

It-trejdunjin ta' Patras ikkonċediet li tagħti s-siġill tagħha lit-trejdunjin ta' Ateni, li l-aktar li kienet qed taffaċċja l-problema. Ir-raġuni għal dan kienet biex it-trejdunjin ta' ateni tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ġranet ta' strajk u dwar il-modi ta' azzjoni industrijali f'każ li kien se jkun hemm ħtieġa ta' strajk universali fil-kumpanija.  Dan l-att kien prova ta' fiduċja bejn l-unjins, billi nnominaw it-trejdunjin milquta, li l-impjant tagħha kien se jingħalaq, bħala r-regolatur.

Kien hemm bżonn ta' diversi laqgħat ta' konsultazzjoni biex waslu għall-firma tal-Ftehim. L-eżitu, meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet tal-kriżi tas-suq fil-Greċja u mqabbla ma' dawk f'kumpaniji multinazzjonali oħra, li kellhom problema ta' għeluq ta' impjant, kien pożittiv ħafna.

Ħaddiema b'inċentivi ta' irtirar kmieni kienu jammontaw għal 60% tal-forza tax-xogħol tal-impjant. 20-30% oħra tal-ħaddiema ġew assorbiti fl-istess forza tax-xogħol tal-impjant, iżda f'dipartimenti differenti, bħal fil-qasam tat-tindif, tal-immaniġġjar, tal-bejgħ u tal-amministrazzjoni. Il-bqija tal-ħaddiema kellhom imorru f'waħda miż-żewġt ibliet l-oħra, fejn il-kumpaniji kellha l-impjanti tagħha (Ateni u Patras) bi status speċifiku. Il-kumpanija kienet se tipprovdihom b'sussidju fuq il-kera għal tliet snin, biex ma jkollhomx għalfejn jittrasferixxu lill-familji tagħhom minn Ateni jew iħallsu kera doppja għall-ġranet li jaħdmu f'Patras. Huma ngħataw ukoll flus għan-nollijiet tagħhom, biex ikunu jistgħu jqattgħu tmiem il-ġimgħa f'darhom f'Ateni u € 5,000-€ 6,000 oħra biex ikunu jistgħu jattrezzaw darhom fil-post il-ġdid tax-xogħol tagħhom.

Wara l-iskadenza tal-Ftehim, ġiet mgħoddija estensjoni u, sakemm ikun hemm impjegati li jaħdmu 'l bogħod minn belthom, dan jikkostitwixxi suġġett ta' konsultazzjoni kontinwa. Hemm ukoll impenn li meta jkun hemm xi xogħol f'Ateni li jista' jsir minn wieħed minn dawn il-ħaddiema, il-ħaddiem jista' jieħu dan ix-xogħol u jmur lura.

Aparti l-informazzjoni bil-fomm u bil-miktub mitluba mill-Maniġment, it-tliet unjins għamlu Assembleji Ġenerali biex jagħtu stampa tal-evoluzzjonijiet speċifiċi lill-impjegati kollha. It-tliet trejdjunjins ma kellhomx għalfejn jieħdu azzjonijiet industrijali biex jisfurzaw lill-maniġment biex jipprovdi l-informazzjoni, billi dan tal-aħħar deher organizzat u lest li jipprovdi din l-informazzjoni. Fl-istess waqt, il-figuri pprovduti ngħataw lil esperti legali u tekniċi, li kkonfermaw li l-produzzjoni fis-sena tista' ssir minn impjant u nofs minflok minn tlieta. Għal dan il-għan, il-kumpanija ssospendiet l-operat ta' impjant wieħed, filwaqt li t-tnejn l-oħra jibqgħu joperaw s'issa u għandhom prospetti, billi l-kumpanija għandha pjanijiet annwali u għal tliet snin tajbin b'linji ta' produzzjoni ġodda eċċ.

Il-kumpanija qajjmet il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità fuq xi punti, rigward id-data li tat u talbet biex din l-informazzjoni ma tiġix mgħoddija lil partijiet terzi. Din kienet tikkonċerna data li kienet tappartjeni għal kategorija Ċ, jiġifieri, data mmaniġġjata biss mir-rappreżentanti tal-ħaddiema u mhux skambjata mal-impjegati nfushom.

Il-briefing lill-membri tat-trejdunjin ta' Ateni sar permezz ta' Assemblea Ġenerali. F'ħin differenti, il-Kap Eżekuttiv, flimkien mal-maniġer tal-HR, sejjaħ lill-impjegati kollha li jaħdmu fl-impjant ta' Ateni u infurmawhom dwar l-eżitu tal-proċedura kollha. Dażgur kien hemm ftit reazzjonijiet mill-ħaddiema. Dejjem hemm it-tama li jerġa' jinfetaħ l-impjant, iżda hi baxxa ħafna minħabba l-kontinwazzjoni u l-approfondiment tal-kriżi fil-Greċja.

Intalab ukoll parir minn espert legali dwar jekk il-kumpanija hijiex intitolata tissospendi l-operat tal-impjant. Barra minn hekk, intalab parir minn espert tekniku dwar il-konsultazzjoni u l-informazzjoni bl-għarfien dwar il-liġi Ewropea u l-EWCs.

Ir-reazzjonijiet qatt ma ħadu l-forma ta' qasma. L-impjegati kellhom fiduċja fid-deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tat-trejdjunjins tagħhom. Il-Ftehim kien dimostrazzjoni tanġibbli tat-tħassib tagħhom għall-impjegati kollha. It-trejdjunjins jistennew l-implimentazzjoni b'mod sħiħ tal-impenji. F'każ li l-kumpanija tkun tista' żżid il-volumi tal-produzzjoni lura għal 3,500,000 miż-2,000,000 ettolitri preżenti, is-sitwazzjoni trid tiġi mreġġa' lura. Fil-frattemp, il-kumpanija stabbilixxiet birrerija żgħira ġdida, Athinaion, li ingaġġat ftit impjegati.

Dak li t-trejdunjin tistinka għalih hu li l-maniġment tal-kumpanija, jagħti prova kull sena, permezz tal-Ftehim Kollettiv li tiffirima, li ma tqisx it-tolleranza tal-impjegati bħala dgħjufija. Il-ħaddiema jistinkaw bex jiffirmaw ftehimiet tajbin ibbażati fuq il-kumpanija u li l-kumpanija żżomm u tirrispetta l-kisbiet kollha tal-ħaddiema. Dan jidher min-nuqqas ta' astrazzjoni tal-acquis, u mill-fatt li ż-żieda fis-salarji/fil-pagi ġiet maqbula.

F'dak li jirrigwarda l-konsultazzjoni, dejjem kien hemm lok għal titjib. Għall-ewwel darba, it-tliet trejdjunjins immaniġġjaw tali avveniment. Dawn probabbli li kienu aktar agressivi, b'aktar linji ħomor u b'riżultati aħjar. Tali eżempju hu t-trasferiment tal-ħaddiema. Il-ħaddiema trasferiti kienu 13 għal Patras u 6 għal Tessaloniki. Dan il-persentaġġ hu żgħir u bi pressjoni akbar min-naħa tal-unjins tat-trasferiment, it-trasferiment tagħhom seta' ġie evitat.

Il-ħaddiema setgħu għamlu aktar pressjoni kieku rrifjutaw is-sigħat flessibbli ta' xogħol kif riedet il-kumpanija, jew anki waqfu mix-xogħol.

F'każijiet futuri, it-trejdjunjins għandhom jaġixxu b'aktar reqqa u jkunu aktar agressivi.

## Studju tal-każ TOSOH. Informazzjoni u konsultazzjoni fuq bażi regolari

TOSOH tappartjeni għal grupp ta' kumpaniji b'interessi Ġappuniżi. Fil-Greċja, għandha fabbrika li tipproduċi l-ossidu tal-manganiż. Il-kumpanija għandha produzzjoni simili fil-Ġappun ukoll. Il-fabbrika twaqqfet fl-1974 f'Tessaloniki. Din tħaddem 140 persuna, li jinkludu ħaddiema u persunal amministrattiv, li 40 minnhom huma impjegati minn sottokuntrattur.

Il-kumpanija hija finanzjarjament soda. Il-vantaġġ tagħha hu li tista' tissellef flus permezz ta' kumpaniji oħra fil-grupp b'rati tal-imgħax u b'garanziji baxxi ħafna.

Hemm trejdjunjin ibbażata fil-kumpanija, li għandha 60 membru. Il-ħaddiema li huma impjegati mas-sottokuntrattur mhumiex membri tat-trejdjunjin. Is-sottokuntrattur jingaġġa ħaddiema b'kuntratti tax-xogħol permanenti.

It-trejdjunjin tiffirma ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija kull sena. Lura fis-snin 80, it-trejdjunjin tħabtet biex tiffirma ftehimiet kollettivi. Minn dakinhar 'l hawn, sa fejn jirrigwarda l-iffirmar ta' ftehimiet kollettivi, kien hemm relazzjoni bla xkiel mal-maniġment. Il-ftehim hu konkluż fi żmien perjodu ta' żmien qasir u mingħajr l-ebda telf tal-acquis tal-impjegati.

Il-kwistjoni tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni feġġet fl-2007. It-trejdjunjin osservat li l-maniġment ipprovdielha informazzjoni mhux kompluta dwar kwistjonijiet ewlenin li jikkonċernaw lill-impjegati. Il-maniġment ipprova jevita li jinforma lit-trejdjunjin, filwaqt li rrikonoxxa l-obbligu tiegħu li jagħmel dan.

It-trejdjunjin ilmentat mal-maniġment li hi ma ġietx infurmata b'xi deċiżjonijiet li ttieħdu, bħal trasferimenti ta' ħaddiema, eċċ. Fil-prinċipju l-ilment sar bil-fomm, iżda mbagħad sar ukoll bil-miktub.

Εκτός των υπεκφυγών για επιμέρους ζητήματα, η διοίκηση δεν ήθελε να δεσμευτεί στην τακτική ενημέρωση, επικαλούμενη και το διευθυντικό δικαίωμα.

Το σωματείο, επικαλούμενο την εργατική νομοθεσία, ζήτησε εγγράφως την τήρηση της σχετικής νομοθεσίας.

Το σωματείο έλαβε συλλογική απόφαση και ζήτησε να μπει αυτός ο όρος στη συλλογική σύμβαση εργασίας, ώστε η διοίκηση της εταιρείας να είναι υποχρεωμένη να ενημερώνει το σωματείο και να διαβουλεύεται με αυτό σε μηνιαία βάση.

Barra li evita li jinforma dwar każijiet individwali, il-maniġment ma riedx jikkommetti lilu nnifsu li jipprovdi informazzjoni b'mod regolari, u invoka wkoll il-prerogattiva maniġerjali.

It-trejdjunjin, bl-użu tal-liġi tax-xogħol, talbet bil-miktub lill-maniġment biex jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

It-trejdjunjin ħadet deċiżjoni kollettiva u stinkat biex dan it-terminu jkun inkluż fil-ftehim tax-xogħol kollettiv biex il-maniġment tal-kumpanija jkun obbligat li jinforma lit-trejdjunjin u jikkonsulta magħha kull xahar.

Għall-bidu, il-Bord ta' Ġestjoni tat-trejdjunjin tratta dan is-suġġett waħdu u fi stadju aktar avvanzat informa b'mod analitiku lill-impjegati fil-qafas ta' Assemblea Ġenerali.

It-trejdjunjin għandha espert legali iżda ma tinvolvihx direttament. Din dejjem titlob parir u taġixxi waħedha. F'dan il-każ, l-espert legali analizza l-leġiżlazzjoni u pprepara l-argumenti relatati.

It-trejdjunjin għandha kuntatti mill-qrib maċ-Ċentru tax-Xogħol ta' Tessaloniki, iżda ma involvietux direttament fil-kwistjoni. Ma kienx hemm bżonn li jsir strajk jew li thedded li tagħmel dan. Il-kwistjoni ma ngħatat l-ebda pubbliċità u din ġiet trattata internament.

Din it-tattika għenet biex:

- Jekk it-trejdjunjin għażlet li ż-żewġ naħat (il-kumpaniji u l-impjegati) għanhom ikunu rrappreżentati mill-avukati, huwa preżunt li r-rappreżentanza legali tal-maniġment tkun aktar b'saħħitha.

- Xi talbiet li jistgħu jkunu solvuti minn medjatur jew minn avukat, jistgħu jkunu kkontestati, filwaqt li s-saħħa tat-trejdjunjin hi akbar.

- Iċ-Ċentru tax-Xogħol jikkostitwixxi l-aħħar stadju ta' pressjoni u m'għandux jintuża għal kwistjonijiet sempliċi li jistgħu jiġu risolti b'mod differenti.

Il-problema kienet li f'dawn is-snin kien hemm maniġers li fehemu l-pożizzjoni tal-impjegati u kienu kooperattivi u oħrajn li kellhom attitudni negattiva a priori.

Ir-riżultat ta' din il-konsultazzjoni kienet li fl-aħħar il-maniġment aċċetta t-talba li fil-ftehim kollettiv annwali ibbażat fuq il-kumpanija jinkludi artikoli li jistipula li, fil-qafas ta' kooperazzjoni tajba bejn l-impjegati u l-amministrazzjoni, il-kumpanija hi obbligata li tinforma lit-trejdjunjin bi kwistjonijiet, li jirrigwarda il-persunal, is-sigurtà u bi kwalunkwe materja amministrattiva.

L-approċċ, għallinqas mill-eżitu, kien korrett. L-unika ħaġa negattiva kienet li kieku dan il-proċess kien adottat qabel, kienu jiġu pprevenuti xi effetti negattivi fuq l-impjegati.

Il-benefiċċju tal-proċess hu li t-trejdjunjin tista' tqiegħed f'dubju kull deċiżjoni tal-kumpanija, li ma ġietx infurmata dwarha qabel. Dan ifisser li qabel ma jimplimenta kwalunkwe bidla, il-maniġment għandu jinforma lit-trejdjunjin, u mbagħad jibda konsultazzjoni magħha.

Bħala konklużjoni, id-deċiżjonijiet kollha tal-kumpanija huma l-prodott ta' konsultazzjoni mal-impjegati, u għalhekk jiġu evitati impatti negattivi.

Din il-kisba ikkontribwixxiet biex ir-relazzjonijiet bejn il-maniġment u l-impjegati jkunu bla xkiel.

Punt ewlieni

L-aqwa garanzija għal-leġittimità ta' deċiżjoni tinsab fis-saħħa tat-trejdjunjin u fil-parteċipazzjoni tagħha permezz ta' informazzjoni tajba u ta' konsultazzjoni sinifikanti.

Rakkomandazzjoni

L-iżvilupp ta' kultura ta' informazzjoni u konsultazzjoni f'kumpanija, li m'hemmx għalfejn tirrikorri għad-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni fi żminijiet ta' kriżi biss, hu pożittiv ħafna.